FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 3 ta' Mejju, 2002

**Numru 5**

**Avviz numru 27/02JR**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma**

**f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Stephen Abdilla**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-Korporazzjoni attrici fit-8 ta' Jannar, 2002, fejn intalab il-hlas ta' sitta u disghin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm96.23), kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond 201/17, Triq Sant' Ursola, Valletta,**

**ghall-perijodu bejn il-21 t'Ottubru, 1998 sa l-14 ta' jannar, 1994, skond il-kont numru 020/213660 u d-dokument anness (WSC1);**

**Bl-ispejjez, inkluzi zewg liri u hamsa u tmenin centezmu (Lm2.85) spejjez ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu, 1994, u tmien liri u hamsin centezmu (Lm8.50) spejjez ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju, 1997, u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut deher fis-seduta tal-11 t'April, 2002, u ddikjara li qed jikkontesta t-talba, pero` baqa' ma pprezentax risposta, u sussegwentement ma regax deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tinsab soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' sitta u disghin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm96.23) bl-imghax legali mis-7 ta' Marzu, 1994.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu, 1994, u ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju, 1997, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**